## Liġi tal-Istat Membru - Ġermanja

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna de ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali fil-Ġermanja.**

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija Stat kostituzzjonali demokratiku, federali u soċjali. Flimkien mad-drittijiet bażiċi, il-prinċipji ta' Stat kostituzzjonali, demokratiku, federali u soċjali jifformaw il-qalba invjolabbli tal-kostituzzjoni Ġermaniża, li l-osservanza tagħha hija ssalvagwardjata mill-Qorti Federali Kostituzzjonali.

## Sorsi tal-liġi

Il-bażi tas-sorsi kollha tal-liġi hija l-kostituzzjoni Ġermaniża: il-Liġi Bażika għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Liġi Bażika - **Grundgesetz**), li:

- Tistabbilixxi l-istruttura fundamentali u l-prinċipji strutturali essenzjali tal-Istat u tal-ogħla organi tiegħu
- Tiddefinixxi l-prinċipji li permezz tagħhom isiru l-elezzjonijiet għall-Bundestag (il-Parlament Federali Ġermaniż)
- Tipprovdi l-bażi għall-istatus u għad-drittijiet tal-membri eletti liberament tal-Bundestag
- Tiddeskrivi fil-qosor kif inhu organizzat il-Bundestag u kif iwettaq xogħlu.

### Tipi ta' strumenti legali - deskrizzjoni

Is-**sorsi miktubin** prinċipali tal-liġi domestika Ġermaniża huma l-Liġi Bażika, il-leġiżlazzjoni, l-istrumenti statutorji u l-ordinamenti. Barra minn hekk, hemm **sorsi mhux miktubin** tal-liġi, fost l-oħrajn il-prinċipji ġenerali inklużi fil-liġi internazzjonali, il-liġi konswetudinarja u l-ġurisprudenza (speċjalment id-deċiżjonijiet tal-Qorti Federali Kostituzzjonali).

Il-Ġermanja hija Stat federali magħmul minn 16-il Stat kostitwent – il-Länder. Għaldaqstant, hemm **liġijiet federali** li japplikaw mat-territorju kollu tal-Federazzjoni, u **liġijiet tal-Land** li huma validi biss fil-Land inkwistjoni. Kull Land għandu l-kostituzzjoni tiegħu, u fil-qafas legali stabbilit mil-Liġi Bażika, għandu wkoll is-setgħa li jadotta kemm leġiżlazzjoni kif ukoll strumenti statutorji u ordinamenti.

Il-**kompetenzi leġiżlattivi** tal-Federazzjoni u tal-Länder jiġu rregolati b'mod dettaljat mil-Liġi Bażika. L-Artikoli 71 sa 74 jelenkaw is-setgħat leġiżlattivi tal-Federazzjoni. Fil-każijiet l-oħra kollha, ir-responsabbiltà hija tal-Länder.

### Is-setgħa leġiżlattiva esklużiva tal-Federazzjoni

F'oqsma suġġetti għas-setgħa leġiżlattiva esklużiva tal-Federazzjoni, il-Länder għandhom is-setgħa li jadottaw leġiżlazzjoni biss fejn liġi federali espliċitament tagħtihom is-setgħa biex jagħmlu dan (Artikolu 71 tal-Liġi Bażika).

Skont l-Artikolu 73 tal-Liġi Bażika, il-Federazzjoni għandha setgħa leġiżlattiva esklużiva fl-**oqsma** li ġejjin (fost l-oħrajn): il-kwistjonijiet kollha marbuta mal-politika barranija, id-difiża (inkluża l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili), iċ-ċittadinanza, il-libertà ta' moviment, il-passaporti, ir-reġistrazzjoni tar-residenza u l-karti tal-identità, l-immigrazzjoni, l-emigrazzjoni u l-estradizzjoni, il-valuta u l-flus, l-għaqda doganali u ż-żona tal-kummerċ, it-trasport bl-ajru, il-kooperazzjoni bejn il-Federazzjoni u l-Länder rigward il-ħidma tal-pulizija f'kuntest kriminali, u l-liġi dwar l-armi u l-isplussivi.

### Setgħat leġiżlattivi konkurrenti

F'oqsma suġġetti għal leġiżlazzjoni konkurrenti, il-Länder għandhom id-dritt li jadottaw il-leġiżlazzjoni bil-patt li, u sakemm, il-Federazzjoni ma teżerċitax is-setgħat leġiżlattivi tagħha fl-istess qasam (Artikolu 72 tal-Liġi Bażika). L-**oqsma** legali suġġetti għal leġiżlazzjoni konkurrenti jinkludu l-liġi ċivili, il-liġi kriminali u l-liġi dwar it-traffiku fit-toroq, kif ukoll il-liġi ta' assoċjazzjoni, il-liġi dwar ir-residenza u l-istabbiliment taċ-ċittadini barranin, il-liġi dwar kwistjonijiet ekonomiċi, il-liġi dwar l-impjiegi, u ċerti aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur. Rigward ċerti kwistjonijiet li fl-Artikolu 74 tal-Liġi Bażika ġew elenkati bħala li jaqgħu fl-ambitu tal-

leġiżlazzjoni konkurrenti, il-Federazzjoni għandha d-dritt li tadotta leġiżlazzjoni biss jekk u sakemm l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' għajxien ekwivalenti fit-territorju federali kollu jew iż-żamma ta' għaqda legali jew ekonomika jagħmel ir-regolamentazzjoni federali meħtieġa fl-interess nazzjonali.

Il-liġijiet tal-Land ma jistgħux jidħlu f'kunflitt mal-liġijiet federali. L-Artikolu 31 tal-Liġi Bażika jistabbilixxi li: **"Il-liġi federali għandha tieħu l-preċedenza fuq il-liġi tal-Land".** Dan il-prinċipju japplika irrispettivament mill-istatus ġerarkiku tar-regoli tal-liġi kunfliġġenti biex, pereżempju, statut federali jipprevali fuq il-kostituzzjoni ta' Land.

#### Ġerarkija tan-normi

Il-Liġi Bażika tinsab fil-quċċata tal-ġerarkija tar-regoli domestiċi. Hija superjuri għas-sorsi l-oħra kollha tal-liġi domestika u, bħall-Kostituzzjoni, hija l-istrument li fuqu tiddependi s-sistema legali Ġermaniża kollha. Kull dispożizzjoni legali li tiġi adottata fil-Ġermanja trid tkun kompatibbli mal-Liġi Bażika, kemm fl-ispirtu kif ukoll fl-ittra. Għal dan il-għan, l-Artikolu 20(3) tal-Liġi Bażika jispeċifika li l-leġiżlatura hija marbuta mill-ordni kostituzzjonali filwaqt li l-eżekuttiv u l-ġudikatura huma marbuta mil-liġi u mill-ġustizzja. Barra minn hekk, il-leġiżlatura, l-eżekuttiv u l-ġurikatura huma partikolarment marbuta bid-drittijiet bażiċi stabbiliti fl-Artikoli 1 sa 19 tal-Liġi Bażika, li huma liġi direttament applikabbli (Artikolu 1(3)). Fl-aħħar mill-aħħar, **il-preċedenza tal-Liġi Bażika** hija ssalvagwardjata mill-Qorti Federali Kostituzzjonali.

L-Artikolu 79(2) jistipula li l-Liġi Bażika tista' tiġi **emendata** biss b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bundestag u b'żewġ terzi tal-voti tal-Bundesrat, li huwa l-organu li permezz tiegħu l-Länder jipparteċipaw fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni fi ħdan, u fl-amministrazzjoni tal-Federazzjoni, u fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-Unjoni Ewropea. Ċerti komponenti prinċipali tal-Liġi Bażika – jiġifieri d-diviżjoni tal-Federazzjoni f'Länder, il-parteċipazzjoni tagħhom, fil-prinċipju, fil-proċess leġiżlattiv u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 1 u 20 – bl-ebda mod ma jistgħu jiġu emendati (Artikolu 79(3)).

F'din il-ġerarkija, ir-regoli ġenerali tal-**liġi internazzjonali** jinsabu fi skaluna taħt il-Kostituzzjoni imma fuq il-liġijiet tal-Federazzjoni u tal-Länder. Il-Liġi Bażika tipprovdi espliċitament li dawn ir-regoli ġenerali huma parti integrali mil-liġi federali, li jieħdu preċedenza fuq tali liġijiet u li joħolqu direttament drittijiet u dmirijiet għall-abitanti tat-territorju federali (Artikolu 25). Dawn ir-regoli ġenerali tal-liġi internazzjonali b'effett legali għall-individwi (jiġifieri mhumiex regoli li huma rilevanti biss għall-Istat), jinkludu, pereżempju, il-garanzija ta' forma xierqa ta' protezzjoni legali għall-barranin jew ir-"regola tal-ispeċjalità", fejn il-proċedimenti kriminali jkunu suġġetti għat-termini tal-awtorizzazzjoni għall-estradizzjoni tal-Istat barrani li qed jagħmel l-estradizzjoni.

Fil-ġerarkija, il-**leġiżlazzjoni** tinsab fuq skaluna taħt il-Kostituzzjoni. Is-setgħat leġiżlattivi tal-Federazzjoni b'relazzjoni għal-Länder huma enumerati b'mod dettaljat mil-Liġi Bażika (Artikoli 71-74). Il-Bundestag flimkien mal-Bundesrat jgħaddu l-liġijiet. L-abbozzi ta' liġijiet jistgħu jiġu introdotti fil-**Bundestag** mill-Gvern Federali, mill-Bundesrat, jew mill-membri tal-Bundestag (minn grupp parlamentari jew minn 5% tal-membri tiegħu). Il-Liġi Bażika tispeċifika l-każijiet fejn l-approvazzjoni finali ta' liġi mill-Bundestag teħtieġ il-kunsens tal-**Bundesrat** (bħalissa – skont il-materjal statistiku ppubblikat mill-Bundesrat fis-sit elettroniku tiegħu – madwar 45% mil-liġijiet kollha). Rigward il-bqija tal-liġijiet li jgħaddi l-Bundestag, il-Bundesrat jista' biss joġġezzjona għal abbozz ta' liġi adottat mill-Bundestag, li min-naħa tiegħu jista' jiġi rrifjutat mill-Bundestag. Fejn ikun hemm differenzi ta' opinjoni bejn il-Bundestag u l-Bundesrat, jista' jitlaqqa' kumitat komuni għall-kunsiderazzjoni konġunta tal-abbozzi tal-liġijiet (dak li jissejjaħ Kumitat ta' Medjazzjoni) magħmul minn numru ndaqs ta' membri tal-Bundestag u tal-Bundesrat (bħalissa 16-il membru minn kull wieħed). Ir-rwol tal-Kumitat ta' Medjazzjoni huwa li jipproduċi proposti sabiex tintlaħaq l-unanimità, għalkemm huwa ma jistax jieħu deċiżjonijiet f'isem il-Bundestag u l-Bundesrat.

L-**istrumenti statutorji** huma subordinati għal-leġiżlazzjoni u jistgħu jinħarġu mill-Gvern Federali, minn ministru federali jew mill-gvernijiet tal-Länder. L-**ordinamenti** jinsabu fuq skaluna taħt l-istrumenti statutorji u jistgħu jinħarġu minn entità korporattiva organizzata skont il-liġi pubblika (eż. muniċipalità).

### Qafas istituzzjonali

#### Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni ta' regoli legali

Il-**liġijiet Ġermaniżi** jsiru mill-parlamenti tal-pajjiż. Il-Bundestag għalhekk huwa l-iktar organu leġiżlattiv importanti. Huwa jiddeċiedi dwar il-liġijiet kollha li jaqgħu fl-isfera ta' kompetenza tal-Federazzjoni Ġermaniża fi proċess leġiżlattiv li jeħtieġ anki l-parteċipazzjoni tal-Bundesrat.

Il-Bundesrat, il-Gvern Federali u l-membri u l-grupp parlamentari tal-Bundestag huma intitolati jintroduċu biċċiet ġodda jew riveduti ta' leġiżlazzjoni fil-Bundestag bħala **abbozzi**. Rigward dawn l-abbozzi isiru dibattiti, deliberazzjonijiet u votazzjonijiet fil-Parlament skont proċedura li hija rregolata b'mod preċiż.

Fis-sistema federali tal-Ġermanja, il-Länder għandhom sehem konsiderevoli mis-setgħat tal-Istat, u għalhekk il-Bundesrat jipparteċipa wkoll fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni. **L-atti kollha jitressqu quddiem il-Bundesrat biex tittieħed votazzjoni dwarhom** u – jiddependi min-natura tal-leġiżlazzjoni proposta – dan jista' anki jwassal biex uħud mill-proposti ma jiġux aċċettati.

Għal iktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għas-sit elettroniku tal-Bundestag.

**Proċess deċiżjonali**

**Adozzjoni tal-leġiżlazzjoni**

Il-parti l-kbira tal-abbozzi tal-liġijiet u tal-punti għad-diskussjoni jiġu ppreparati mill-Gvern Federali. Bħala l-livell ċentrali tal-eżekuttiv, huwa għandu l-iktar esperjenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni flimkien ma' għarfien dirett ta' fejn, fil-prattika, ikunu meħtieġa dispożizzjonijiet statutorji ġodda.

Madankollu, mhux biss il-Gvern Federali imma anki l-Bundesrat u l-membri tal-Bundestag Ġermaniż huma intitolati **jippreżentaw l-abbozzi** li jirriżultaw f'atti legali ġodda.

**Inizjattivi introdotti mill-Gvern Federali jew mill-Bundesrat**

Jekk il-Gvern Federali jixtieq jemenda jew jintroduċi liġi, l-ewwel nett il-Kanċillier Federali jrid jibagħat l-abbozz quddiem il-**Bundesrat**.

Bħala regola, il-Bundesrat imbagħad għandu perjodu ta' sitt ġimgħat biex jagħti l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz, li min-naħa tiegħu l-gvern jista' jirrispondihom permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub. Il-Kanċillier Federali mbagħad jgħaddi l-abbozz, flimkien mal-kummenti tal-Bundesrat, lill-Bundestag. Eċċezzjoni waħda għal din il-proċedura hija **l-abbozz tal-Att tal-Baġit**, li jiġi trażmess fl-istess ħin lill-Bundesrat u lill-Bundestag.

Meta l-inizjattivi leġiżlattivi jiġu introdotti mill-Bundesrat tapplika proċedura simili. Wara li maġġoranza tal-membri tal-Bundesrat ikunu vvutaw favur abbozz, dan l-ewwel imur għand il-Gvern Federali, li jehmeż il-kummenti tiegħu miegħu, ġeneralment fi żmien sitt ġimgħat, u mbagħad jgħaddi għand il-Bundestag.

**Inizjattivi introdotti mill-membri tal-Bundestag**

L-abbozzi tal-liġijiet jistgħu wkoll jiġu ppreżentati mill-membri tal-Bundestag, f'liema każ iridu jkunu appoġġjati jew minn **għall-inqas wieħed mill-gruppi parlamentari** jew minn **għall-inqas 5% tal-membri tal-Bundestag**.

L-abbozzi introdotti b'dan il-mod m'hemmx għalfejn jitressqu l-ewwel quddiem il-Bundesrat. Għal din ir-raġuni, il-gvern xi drabi jagħmel arranġamenti biex **abbozzi partikolarment urġenti** jiġu introdotti mill-gruppi parlamentari tiegħu fil-Bundestag.

**Distribuzzjoni ta' karti stampati**

Qabel ma jistgħu jibdew id-deliberazzjonijiet dwar abbozz ta' liġi fil-Bundestag, l-ewwel irid jintbagħat għand il-President tal-Bundestag, u mbagħad irid jiġi rreġistrat u stampat mill-Amministrazzjoni.

Wara jitqassam lill-membri kollha tal-Bundestag u tal-Bundesrat, kif ukoll lill-ministeri federali, bħala karta stampata tal-Bundestag.

Malli l-abbozz jitqiegħed fuq l-**aġenda tas-sessjoni plenarja**, l-ewwel stadju tal-adozzjoni tiegħu mill-Parlament tkun lesta; imbagħad jista' jiġi **introdott uffiċjalment** fil-forum pubbliku tal-Bundestag.

**Tliet tipi ta' qari fis-sessjoni plenarja**

Bħala regola, isiru tliet dibattiti dwar l-abbozzi tal-liġijiet fis-sessjoni plenarja tal-Bundestag – dawn id-dibattiti huma magħrufa bħala qari.

Matul l-ewwel qari, isir dibattitu biss jekk ikun intlaħaq qbil dwar dan fil-Kunsill tal-Anzjani (jiġifieri, entità eżekuttiva speċjali tal-Bundestag) jew jekk dan jintalab minn wieħed mill-grupp parlamentari. Fil-parti l-kbira, dan jiġri meta l-proġetti leġiżlattivi jkunu partikolarment kontroversjali jew ta' interess speċjali għall-pubbliku.

L-għan primarju tal-ewwel qari huwa li **jinħatar kumitat wieħed jew diversi kumitati** sabiex jikkunsidra l-abbozz ta' liġi u jippreparah għat-tieni qari tiegħu. Dan isir fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet li jagħmel il-Kunsill tal-Anzjani.

Jekk jinħatru diversi kumitati, kumitat wieħed jingħata r-responsabbiltà ġenerali għad-deliberazzjoni dwar l-abbozz, u jkun responsabbli biex l-abbozz ta' liġi jgħaddi mill-Parlament. Il-kumitati l-oħra jintalbu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-abbozz.

**Ħidma leġiżlattiva fil-kumitati**

Il-**ħidma dettaljata dwar il-leġiżlazzjoni** ssir fil-kumitati permanenti, li huma magħmula minn membri tal-gruppi parlamentari kollha. Il-membri tal-kumitat jiffamiljarizzaw irwieħhom mal-materjal u jiddeliberaw dwaru fil-laqgħat tagħhom. Huma jistgħu wkoll jistiednu xi esperti u rappreżentanti ta' gruppi ta' interess għal seduti pubbliċi.

Parallelament għall-ħidma li ssir mill-kumitati, il-gruppi parlamentari jifformaw **gruppi ta' ħidma,** fejn jeżaminaw il-kwistjonijiet ikkonċernati u jiddefinixxu l-pożizzjonijiet tagħhom.

Xi minn daqqiet jista' jiġri li fil-kumitati jinbnew relazzjonijiet siewja bejn il-gruppi parlamentari. Il-parti l-kbira tal-abbozzi jiġu riveduti, sa ċertu punt, bħala riżultat ta' kollaborazzjoni bejn il-gruppi parlamentari tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni.

Wara li jintemmu d-deliberazzjonijiet, il-kumitat bir-responsabbiltà ġenerali għall-abbozz ta' liġi **jippreżenta rapport lis-sessjoni plenarja** dwar l-andament u r-riżultati tad-deliberazzjonijiet tiegħu. Id-deċiżjoni li jirrakkomanda tkun il-bażi għat-tieni qari li issa jkun imiss fis-sessjoni plenarja.

**Dibattitu waqt it-tieni qari**

Qabel it-tieni qari, il-membri kollha jirċievu r-**rakkomandazzjoni għal deċiżjoni** ppubblikata f'forma stampata. Għalhekk, ikunu ppreparati sew għad-dibattitu. Qabel dan id-dibattitu, il-gruppi parlamentari anki jerġgħu jikkoordinaw il-pożizzjoni tagħhom f' laqgħat interni, sabiex jippreżentaw front maqgħud fit-tieni qari pubbliku.

Wara d-dibattitu ġenerali, id-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fl-abbozz ta' liġi jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod individwali. Bħala regola, però, is-sessjoni plenarja tgħaddi direttament għal votazzjoni fuq l-abbozz ta' liġi kollu.

Kwalunkwe membru tal-Bundestag jista' jqiegħed fuq il-medja tal-kamra **mozzjonijiet għal emendi**, li mbagħad jiġu ttrattati immedjatament fis-sessjoni plenarja. Jekk is-sessjoni plenarja tadotta l-emendi, il-verżjoni l-ġdida tal-abbozz ta' liġi l-ewwel trid tiġi stampata u mqassma. Madankollu, din il-proċedura tista' titqassar bil-kunsens ta' żewġ terzi tal-membri preżenti. B'hekk it-tielet qari ikun jista' jibda immedjatament.

**Votazzjoni matul it-tielet qari**

Matul it-tielet qari isir dibattitu ieħor biss jekk dan jintalab minn grupp parlamenari jew minn għall-inqas 5% tal-membri tal-Bundestag.

F'dan l-istadju, il-membri individwali ma jistgħux iqiegħdu iktar mozzjonijiet għal emendi fuq il-mejda tal-kamra; dan jista' jsir biss minn wieħed mill-grupp parlamentari jew minn 5% mill-membri tal-Bundestag. Barra minn hekk, fuq il-mejda tal-kamra jistgħu jitqiegħdu biss mozzjonijiet għal emendi li ġew adottati waqt it-tieni qari.

Il-votazzjoni finali ssir fi tmiem it-tielet qari. Meta l-President tal-Bundestag isaqsi għall-voti favur l-abbozz ta' liġi, għall-voti kontra tiegħu u għall-astensjonijiet, il-membri jirrispondu billi jqumu bilwieqfa.

Hekk kif abbozz ta' liġi jikseb il-maġġoranza meħtieġa fis-sessjoni plenarja tal-Bundestag, dan jgħaddi għand il-Bundesrat bħala att.

**Kunsens tal-Bundesrat**

Permezz tal-Bundesrat, il-Länder ikunu involuti fit-tiswir ta' kull biċċa leġiżlazzjoni. F'dan ir-rigward, id-drittijiet tal-Bundesrat li jipparteċipa fil-proċess leġiżlattiv huma ddefiniti b'mod preċiż.

Il-Bundesrat ma jistax jagħmel emendi għal att li ġie adottat mill-Bundestag. Madankollu, jekk ma jagħtix il-kunsens tiegħu għal att, jista' jitlob li jitlaqqa' l-**Kumitat ta' Medjazzjoni**. Il-Kumitat ta' Medjazzjoni huwa magħmul minn numru ndaqs ta' membri tal-Bundestag u tal-Bundesrat.

Għal uħud mill-abbozzi ta' liġijiet, il-kunsens tal-Bundesrat huwa rekwiżit obbligatorju. Dawn jinkludu, pereżempju, l-atti li jaffetwaw il-finanzi u l-kompetenzi amministrattivi tal-Länder.

Fejn għandhom x'jaqsmu l-abbozzi tal-liġijiet li l-Bundesrat jista' joġġezzjona għalihom, il-Bundestag jista' jdaħħal fis-seħħ att anki jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim fil-Kumitat ta' Medjazzjoni. Madankollu, dan jeħtieġ votazzjoni oħra fejn il-Bundestag jgħaddi l-abbozz b'maġġoranza assoluta.

**Dħul fis-seħħ**

Hekk kif abbozz ta' liġi jkun ġie approvat mill-Bundestag u mill-Bundesrat, dan irid jgħaddi minn numru ta' stadji oħrajn qabel ma jista' jidħol fis-seħħ.

Att li jkun ġie adottat, l-ewwel jiġi stampat u mbagħad jintbagħat lill-**Kanċillier Federali** u lill-**ministru federali kompetenti**, li **jikkontrofir mawh**.

Il-President Federali mbagħad jirċievi l-att biex bil-firma tiegħu jsir liġi. Huwa jeżamina jekk l-att ikunx ġie adottat **skont il-Kostituzzjoni** u jekk hux ħieles minn ksur materjali evidenti tal-Liġi Bażika. Hekk kif jitwettqu dawn il-kontrolli, il-President Federali jiffirma l-att u jordna li jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Liġijiet Federali (**Bundesgesetzblatt**).

F’dan il-punt, jiġi ppromulgat l-att. Jekk fl-att ma tissemma l-ebda data speċifika meta għandu jidħol fis-seħħ, dan iseħħ fl-14-il jum mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Liġijiet Federali.

Għal iktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għas-sit elettroniku tal-Parlament Ġermaniż (Bundestag)

## Bażijiet tad-dejta legali

Fil-bażi tad-dejta legali Ġermaniża tiegħu, JURIS, il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja jipprovdi, fost l-oħrajn, il-**liġi federali** fil-verżjoni valida u aġġornata tagħha. Huwa inkluż sett komplut ta’ verżjonijiet preċedenti flimkien ma’ liġijiet li ġew ippubblikati imma li għadhom ma daħlux fis-seħħ.

Il-bażi tad-dejta tinkludi wkoll it-**Trattat ta’ Unifikazzjoni** u r-regolamenti ta’ dik li kienet ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża li għadhom japplikaw fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Il-**liġi tal-Istati federali** (Länder) hija kompluta u aġġornata.

Ċerti biċċiet ta’ leġiżlazzjoni huma wkoll disponibbli bl-Ingliż, pereżempju:

- il-Kodiċi Ċivili (BGB),
- il-Kodiċi Kriminali(StGB)
- partijiet mill-Att Introduttiv għall-Kodiċi Ċivili (EGBGB).

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **bi ħlas**.

Għaċ-ċittadini interessati, fis-sit tal-Gesetze im Internet u fis-sit tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja ġew ipprovduti, mingħajr ħlas, żewġ bażijiet tad-dejta legali li jinkludu kważi l-Liġi Federali attwali kollha (inklużi l-ordnijiet statutorji). Iż-żewġ bażijiet tad-dejta jiġu pprovduti mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja flimkien ma’ Juris GmbH.

Barra minn hekk, il-Ministeru Federali tal-Intern – b’kooperazzjoni ma’ Juris GmbH – stabbilixxa bażi tad-dejta għall-pubblikazzjoni tar-regolamenti federali.

**Links relatati**

Gvern Federali Ġermaniż

Pubblikazzjoni tar-regolamenti federali

Att Introduttiv għall-Kodiċi Ċivili

Kodiċi Kriminali

Kodiċi Ċivili

Bundestag

Organi

---

**Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.**

L-aħħar aġġornament: 20/02/2013